MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 1347/2002

**A B C, f' isimha proprju**
**u bhala kuratrici 'ad litem' ta' binha minuri D**
**vs**
**E C**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:-

Peress illi l-konjugi A B C u E C izzewgu nhar l-14 ta' Dicembru 1986 fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes il-Furjana (Dok. A).

U peress li l-hajja matrimonjali bejn il-kontendenti tkissret minhabba vjolenza, offizi gravi u ragunijiet ohra validi fil-ligi kommessi mill-konvenut.

U peress li miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti hemm tifel minuri D (Dok. B) li jghix ma’ l-omm.

U peress li l-partijiet huma de facto separati.

U peress li permezz ta’ digriet numru 1435/2001 (Dok. C) kif prorogat b’ digriet 1776/2002 (Dok. D) moghti mis-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghal separazzjoni personali minn zewgha.

Jghid il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ ghandhiex:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C minhabba htijiet tal-konvenut fosthom minhabba vjolenza, offizi gravi u ragunijiet ohra.

2. Takkorda lill-attrici l-kura u l-kustodja ta’ binha minuri D.

3. Takkorda lill-attrici u lil binha minuri D dak il-manteniment xieraq skond il-ligi.

4. Tordna lill-konvenut johrog mid-dar matrimonjali u cioe’ 15 u 15A, Triq Sant’ Anna, Senglea u tordna li l-attrici u binha minuri D jidhlu jirrisjedu fl-istess fond ad eskluzjoni tal-konvenut.

5. Tordna l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-kontendenti kif din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat is-sentenza moghtija fis-6 ta’ April 2006 li permezz taghha l-konvenut gie awtorizzat jipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet;[1]

---

[1] Fol.299 *et seq.*

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenut li biha eccepixxa:

1. Illi filwaqt illi huwa veritier illi l-hajja ta’ bejn il-kontendenti tkissret, l-allegazzjoni illi l-kawza ta’ dan kollu hija l-vjolenza u l-ingurji gravi li l-konvenut kien jezercita fuq martu hija wahda kompletament bla bazi ta’ verita’. Il-kawza primarja ta’ dan l-istat ta’ fatt kienet l-imgieba irresponsabbli tal-attrici, fis-sens illi din ma kienetx taqdi dmirijietha bhala mara tad-dar u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. Ghaldaqstant il-konvenut filwaqt li ma jsib ebda oggezzjoni ghas-separazzjoni mitluba mill-attrici fl-ewwel talba taghha, joggezzjona ghat-tieni allegazzjoni fid-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici.

2. Illi l-konvenut ma jaqbilx illi l-kura u l-kustodja ta’ binhom tigi akkordata lill-attrici izda ghal kuntrarju ihoss li ghandha tigi akkordata lilu bid-dritt ta’ access li ghandu jinghata lill-martu. Ghaldaqstant din l-Onorabbli Qorti ghandha tichad it-tieni talba tal-attrici.

3. Illi l-konvenut joggezzjona ghat-talba ghall-manteniment u dan mhux biss minhabba c-cirkostanzi prezenti tieghu izda anke peress illi l-attrici kienet il-kawza principarja ghas-separazzjoni.

4. Illi l-konvenut joggezzjona ghar-raba’ talba tal-attrici, u jsostni illi d-dar matrimonjali, 15A, Triq Sant’ Anna, Senglea ghandha tigi assenjata lilu stante li kienet il-mara li fl-ewwel lok ghazlet li tabbanduna d-dar matrimonjali minghajr ebda raguni valida u issa ghandha abitazzjoni alternattiva aktar moderna fejn tghix.

5. Illi l-konvenut ma jsib ebda oggezzjoni ghall-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejnu u bejn martu, diment illi jigu inkluzi, fost affarijiet ohra, l-oggetti ta’ deheb, flus kontanti, u flus f’ kontijiet bankarji illi hi qabdet u hadet. Madankollu din l-Onorabbli Qorti ghandha dejjem tiehu konjizzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili, u hekk l-attrici ghandha titlef kull jedd ghan-nofs ta’ l-akkwisti li saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data

meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti gudizzjarji, il-Psikjatra Dottor E C[2] u l-Arkitett Valerio Schembri[3], minnhom debitament mahlufa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-raguni li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom tkissret minhabba ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-konvenut li minn naha tieghu, filwaqt li jichad dak attribwit lilu minn martu, jattribwixxi t-tkisser taz-zwieg ghall-"imgieba rresponsabbli" ta' martu bhala l-kawza primarja; iz-zewg partijiet talbu sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwg fl-14 ta' Dicembru 1986 u minn dan iz-zwieg twieled it-tifel D fit-12 ta' Dicembru 1991. Jidher li ftit taz-zmien wara t-twelid tat-tifel il-partijiet bdew jrriskontraw problemi matrimonjali li aggravaw wara t-twelid tat-tieni tarbija li sfortunatament mietet wara ftit jiem. Sussegwentement is-sitwazzjoni matrimonjali ddigenerat b' mod li eventwalment l-attrici telqet bit-tifel mid-dar konjugali u inizjalment sabet rifugju, f' shelter ta' l-Agenzija Appogg.

---
[2] Fol.265 *et seq.*
[3] Fol.328 *et seq.*

Illi z-zewg partijiet jaghtu stampa konfliggenti tal-komportament tal-konjugi l-iehor waqt il-konvivenza matrimonjali; u l-Qorti thoss li f' dan il-kaz id-depozizzjonijiet tat-tabib kuranti tal-familja, Dottor Stanley Zammit, u tal-Psikjatra Dottor Ethel Felice, jitfghu dawl fuq is-sitwazzjoni reali ezistenti bejn il-konjugi.

*Verzjoni attrici*

Illi l-attrici tispjega li wara l-ewwel tqala, li kienet wahda problematika b' diffikultajiet serji ghall-hajjitha, il-konvenut beda jgib ruhu maghha b' mod abbuziv fis-sens li kien jghajjat maghha u joffendiha "il-hin kollu" u takkuza lill-istess zewgha li dana qatt ma kien juriha li kien ihobbha. Tghid li l-konvenut kien jahqar lil ibnu u kien isawwtu. Konsegwenza ta' dan il-komportament ta' zewgha, hija kienet waqghet f' depression. F' okkazzjoni minnhom fil-21 ta' Lulju 2001 huwa kien ta xeba lill-attrici u dina kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali flimkien ma' binha.

*Verzjoni konvenut*

Illi minn naha tieghu l-konvenut jichad l-allegazzjoni attrici li hu kien isawwat lilha u li kien jahqar lil ibnu. Huwa jghid li hu qatt ma kien sawwat li martu, anzi kien jiehu pazenzja biha. Jghid li l-attrici kienet minn dejjem tbati b' depressjoni, u kien hu li kien jiehu hsieb it-tifel u kien jaghmel il-facendi kollha tad-dar, tant li kien ikollu jitlaq kmieni mix-xoghol biex isajjar. Huwa kien jghaddi l-paga kollha tieghu lil martu; izda jilmenta mill-fatt li martu qatt ma kienet tkun id-dar u kienet tqatta' hafna hin ghand il-familjari taghha li minn naha taghhom kienu jndahhlu ndebitament bejniethom.

*Il-Psikjatra Dottor Ethel Felice*

Din il-psikjatra tikkonfemra li hija kienet rat lill-attrici l-ewwel darba fit-12 ta' Awissu 1999 waqt it-tieni tqala, u li l-attrici f' dak iz-zmien kienet qed tbati minn depression. Ikkonfermat ukoll li meta l-attrici kienet qeda l-isptar, u kienet fi stat hazin "lir-ragel rajtu hdejha kull darba li zortha. Dan kien f' zewg okkazzjonijiet."[4]

[4] Fol.75 *et seq.*

Ix-xhud tghid ukoll li f' Mejju 2001 il-konvenut kien qed "ibati minn depression qawwija, ghalkemm sabiex is-support ta' martu. Sabiex [l-attrici] tkun tista' tkampa zidtilha d-doza tal-pilloli."[5]

*Dottor Stanley Zammit*
Dan ix-xhud, filwaqt li jirrileva l-attrici ilha pazjenta tieghu mis-sena 1958, jikkonferma li z-zewg partijiet kienu nkwetati hafna minhabba l-problemi medici li l-attrici rriskontrat matul it-tieni tqala tagha. Huwa jghid li "zewgha wkoll kien anzjuz."[6]

Jikkonferma li wara 2000 iz-zewg partijiet kienu that kura psikjatrika, u jghid li l-konvenut kien "depressed u kellu bzonn ghajnuna psikjatrika. Ma kienx ihossu stmat minnha [l-attrici] u minn familtha."[7] Ix-xhud jghid li l-attrici kienet takkuza lill-konvenut li dan ma kienx hass il-mewt tat-tarbija "u dina kienet ugiegh ghalih. Jiena naf li kien hass ghal ibnu."

Ix-xhud jsemmi okkazzjoni fit-23 ta' Lulju 2001 meta huwa ezamina lill-attrici u kkonstata li dina kellha sinjali ta vjolenza fuqha konsistenti fi griehi ta' natura hafifa fuq idejha u fuq darha; u li l-attrici kienet qalthu li dina kienet giet aggredita minn zewgha u li kien qed ihossha mhedda minnu u ghalhekk kienet telqet mid-dar konjugali.

L-istess xhud ikkonferma wkoll li fis-26 ta' Jannar 2002 huwa kien ezamina lill-attrici u kkonstata li "kienet fi stat ta' shock"[8] u kienet qaltlu li kienet giet aggredita minn zewgha. Hija kienet "fi stat agitat u anzjuz".

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi, ghalkemm il-konvenut cahad li matul il-konvivenza matrimonjali huwa kien abbuza minn martu psikologikament u fizikament, il-provi jaghtu konfort lill-verzjoni attrici. Kemm mix-xhieda tal-Psikjata Dottor Ethel

[5] Ibid.
[6] Fol.75 *et seq.*
[7] Ibid.
[8] Fol.97 *et seq.*

Felice, u izjed u izjed mix-xhieda tat-tabib Dottor Stanley Zammit, jirrizulta li, partikolarment lejn l-ahhar tal-konvivenza, il-komportament tal-konvenut fil-konfront ta' martu kien wiehed abbuziv kemm emozzjonalment kif ukoll fizikament; tant li fil-21 ta' Lulju 2001, wara li zewgha kien refa' idejh fuqha, u kkagunalha feriti ta' natura hafifa, hija kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali flimkien, ma' binhom minuri.

Dan il-komportament abbuziv tal-konvenut, li rrenda l-konvivenza matrimonjali mpossibbli, jikkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16, u eventwalment kien il-kagun tat-tkissir irrimedjabbli taz-zewg ta' bejn il-partijiet. Ghaldaqstant il-htija tal-firda tirrisjedi fuq il-konvenut.

Izda b' sens ta' ekwita' hija opportuna l-osservazzjoni li mill-provi ma rrizultatx l-istampa estremament negattiva li pprovat taghti l-attrici ta' zewgha meta qalet li zewgha kien bniedem salvagg u qatt ma kien juriha li kien ihobbha. Fil-fatt mix-xhieda ta' l-imsemmija tobba jirrizulta li l-konvenut kien imdejjaq b' certu atteggjament ta' martu li kienet insensittiva fil-konfront tieghu. Jidher pero' li s-sitwazzjoni aggravat b' mod li r-relazzjoni matrimonjali bdiet tiddigenera meta anke l-konvenut dahal f' depression "qawwija" u giet reza mpossibbli meta eventwalment beda jerfa' idejh fuq martu.

**Kura u Kustodja**

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, ma hemmx dubju li l-kura u kustodja tal-minuri D li llum ghandu kwazi 17-il sena ghandha tibqa' fdata f' idejn l-attrici, b' access favur il-missier, liema access ghandu jsir bi ftehim ma' missieru, tenut kont tal-fatt li l-eta' tal-minuri taghti li dan grad ta' maturita'.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Din tikkonsisti fis-segwenti effetti:

[1] Il-fond [dar konjugali] numru hmistax [15] Triq Sant Anna, Senglea, stamta mill-perit tekniku fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin [Lm25,000] ekwivalenti

ghal tmienja u hamsin elf mitejn u erbgha u tletin Ewro u tlieta u tletin ewro centezmu [€58,234.33].

[2] L-effetti mobbli ezistenti fl-imsemmi fond, u li jinsabu elenkati mill-attrici fin-nota taghha a fols.119 u 120 tal-process [appendici A], u valutati minnha fin-nota taghha a fols.161 sa 163 tal-process [appendici B]; salv dak li hu parafernali taghha ndikat fil-paragrafi [2][7] u [9] ta' l-ewwel nota[9], u rigali moghtija lit-tifel taghhom indikati fil-paragrafu [10] ta' l-istess nota.

[3] Flus kontanti fis-segwenti ammonti:
[a] elf u hames mitt lira Maltin [LM1,500] ekwivalenti ghal tlett elef erba' mija u erbgha u disghin Ewro u sitt ewro centezmi [€3494.06]flus imgemmghin;
[b] tlett elef u hames mitt lira Maltin [LM3,500] ekwivalenti ghal tmint elef, mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tmenin ewro centezmu [€8152.81]flus imgemmghin;
[c] elfejn seba' mija u disghin lira Maltin [LM2,790] ekwivalenti ghal sitt elef erba' mija u tmienja u disghin Ewro u hamsa u disghin ewro centezmu [€6498.95]u elfejn u hamsa u tmenin lira Maltin [LM2,085] ekwivalenti ghal erbat elef tmien mija u sitta u hamsin Ewro u erbgha u sebghin ewro centezmu [€4856.74], migbuda mill-attrici mill-Bank of Valletta u mill-HSBC rispettivament.

**Assenjazzjoni**
Tordna li l-assi tal-komunjoni jigu assenjati bil-mod segwenti:

Illi l-fond numru hmistax [15] Triq Sant Anna, Senglea jinbigh fi zmien sena fuq is-suq liberu bil-prezz ta' mhux anqas minn tmienja u hamsin elf mitejn u erbgha u tletin Ewro u tlieta u tletin ewro centezmu [€58,234.33] ekwivalenti ghal hamsa u ghoxrin elf lira Maltin [Lm25,000]; u, fin-nuqqas, wara l-gheluq tas-sena, jinbigh bis-subbasta; u r-rikavat jinqasam f' zewg porzjonijiet ugwali, sabiex wiehed jinghata lill-konvenut, u l-iehor jinghata lill-attrici; wara li minn dawn il-porzjonijiet

[9] Fols.119 u 120

jitnaqqas il-kreditu dovut mill-istess partijiet kif hawn taht indikat.

Il-konvenut qed jigi ordnat li jivvaka u jallonta ruhu mill-imsemmi fond wara l-gheluq tal-perijodu ta’ sena stabbilit fil-paragrafu precedenti.

Illi l-effetti mobbli, appartenenti lill-komunjoni, wkoll jinbighu bl-istess mod bil-prezz ta’ mhux anqas minn dak indikat fin-nota attrici a fols.161 sa 163 tal-process [appendici B].

Illi s-somom ta’ tlett elef erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt ewro centezmi [€3494.06] ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin [LM1,500] flus imgemmghin u tmint elef, mija u tnejn u hamsin Ewro u wiehed u tmenin ewro centezmu [€8152.81] ekwivalenti ghal tlett elef u hames mitt lira Maltin [LM3,500] flus imgemmghin;flus kontanti, li fil-prezent jinsabu ghand il-konvenut, jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet, u ghalhekk il-konvenut ghandu jghati lill-attrici s-somma ta’ hamest elef tmien mija u tlieta u ghoxrin Ewro u tlieta u erbghin ewro centezmu [€5823.43] ekwivalenti ghal elfejn u hames mitt lira Maltin [LM2,500]; filwaqt li l-attrici ghandha taghti lill-konvenut is-somma ta’ hamest elef sitt mija u sebgha u sebghin Ewro u hamsa u tmenin ewro centezmu [€5677.85] ekwivalenti ghal elfejn erba’ mija u sebgha u tletin lira Maltin u hamsin centezmu [LM2,437.50][10] rapprezentanti sehem il-konvenut mill-flus zbankati minnha. L-ammonti dovuti ghandhom jigu dedotti minn sehem il-parti mir-rikavat tal-prezz tad-dar, qabel ma dan is-sehem jithallas lill-istess parti.

**Manteniment**

Illi permezz ta’ digriet moghti mill-Onorabbli Sekond Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta’ Ottubru 2001, il-konvenut kien gie kkundannat jamministra lil martu s-somma ta’ LM140 kull erba’ gimghat, rapprezentanti LM80 manteniment ghaliha u LM60 manteniment ghat-tifel minuri.

---

[10] [LM2,790 + LM2,085] ÷ 2 = LM2,437.50

Illi sussegwentement permezz ta’ digriet moghti fis-6 ta’ Awissu 2007 din il-Qorti rriduciet l-manteniment ghal LM70 kull erba’ gimghat, rapprezentati LM30 manteniment ghall-attrici, u LM40 manteniment ghat-tifel; u dan stante li l-konvenut, wara li ghadda Bord Mediku, beda jinghata pensjoni ta’ invalidita’ ta’ LM48.46 fil-gimgha.

Illi permezz ta’ rikors prezentat mill-attrici fis-19 ta’ Frar 2008 il-Qorti giet informata li l-konvenut sofra stroke u jinsab paralizzat[11]; u b’ nota prezentata minn certu Victor C fis-7 ta’ Marzu 2008 gie prezentat certifikat mediku datat 28 ta’ Frar 2008. Minn dak in-nhar il-quddiem il-kawza baqghet tigi differita ghas-sentenza, u ma saret ebda talba ghal differiment.

Illi fic-cirkostanzi tal-kaz, relattivament ghat-talba attrici ghall-manteniment, il-Qorti tikkunsidera li l-sitwazzjoni ta’ sahha tal-konvenut, li necessarjament tinvolvi spejjez ta’ medicini u servizzi medici, mhijex tali li tippermettilu li mill-pensjoni tieghu jitnaqqas l-ammont ta’ LM70 kull erba’ gimghat.

Ghaldaqstant, tenut kont ukoll tal-fatt li t-tifel illum ghandu kwazi 17-il sena u ghalhekk qieghed fil-pozizzjoni li jghin ruhu finanzjarament, anke tenut kont tas-sitwazzjoni li ilha tezisti bejnu u bejn missieru, il-manteniment dovut lill-attrici mill-konvenut bhala l-parti hatja tal-firda, qed jigi fissat ghal sebghin Ewro [€70] ekwivalenti ghal tletin lira Maltin [LM30] ghall-attrici, u sebgha u erbghin Ewro[€47] ekwivalenti ghal ghoxrin lira Maltin [LM20] ghat-tifel, pagabbli lill-attrici u mnaqqasa direttament mill-pensjoni tal-konvenut. Il-manteniment tat-tifel ghandu jieqaf awtomatikament malli t-tifel jsir maggjorenni, fit-12 ta’ Dicembru 2009.

**Decide**

Ghal dawn il-motiv tiddecidi billi:

[11] Fol.367

[1] tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut;
[2] tilqa' t-tieni talba, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja";
[3] tilqa' t-tielet talba, kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";
[4] tichad ir-raba talba; u tordna li z-zewg partijiet ghandhom jivvakaw l-imsemmi fond fi zmien sena millum;
[5] tilqa' l-hames talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, u l-likwidazzjon u l-assenjazzjoni taghha fit-termini u kif fuq stabbilit fis-sezzjoni ntestata "Komunjoni ta' l-Akkwisti".

L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------